MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 271/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. F. Micallef)**

**Vs**

**Jan Georg Galea**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza, kif emendata, dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**
**1) fl-Msida nhar l-14 t'Awissu, 2003 ghall-habta tal-4.20 p.m. ikkommetta reat peress li ghamel uzu minn computer, b'mod mhux dovut skond it-termini tal-Artikoli 337(C) u 337(F)(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2) fl-istess data, hin u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, ghamel uzu minn computer propjeta' ta' Eric J. Fenech Pace, f'isem is-socjeta' Collis Williams sabiex ghamel "output" ta' data, ikkoppja data ghall-medjum ta' hzin li mhux dak li ssoltu kienet tinzamm fih dik id-data u ha pussess ta' xi data jew ghamel uzu minn dik id-data;**
**3) fl-istess data, hin u cirkostanzi meta kien jaf li ma kellux l-awtorizzazzjoni, hawn fuq imsemmija, approfitta ruhu mill-posizzjoni tieghu bhala impjegat mal-kwerelant, sabiex wettaq ir-reati hawn fuq imsemmija, bi predugizzju tal-kwerelant, li dak iz-zmien kien il-principal tal-akkuzat.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju, 2006, li biha wara li rat l-artikoli 337C u 337F(1) tal-Kodici Kriminal, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Lulju, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u f'kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, talab li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

**Fliet l-atti kollha processwali,**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' li :-1. illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija peress lil-*corpus delicti* qatt ma giex esebit u minnflok il-Qorti strahet fuq ix-xhieda ta' Eric Fenech Pace li allega l-ezistenza ta' *e-mail* b*'* *attachment*; 2. Illi kien imissu gie esebit il-*compute*r per se li fuqu allegatament kien hemm l-*e-mail* sabiex in-natura ta' dan l-*e-mail* jigi certifikat minn espert tal-Qorti; 3.Li Eric Fenech Pace qatt ma seta' jevalwa l-awtenticita' ta' dan l–*e-mail*; 4. Li kull ma ingab kien *print-out* ta' dan l-*e-mail*. Ghalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghall-konvinciment morali minghajr**

**ebda dubju dettat mir-raguni. Di piu' ma ngabx l-kunsens tal-Avukat Generali wara li saret korrezzjoni fic-citazzjoni.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat in-Nota tal-osservazzjonijiet tal-appellant tal-20 t' Ottubru, 2006, li giet debitament notifikata lill-Avukat Generali fit-23 t' Ottubru, 2006;**

**Rat li l-Avukat Generali ma pprezenta ebda nota ta' osservazzjonijiet kif gie moghti l-fakolta' li jaghmel bil-verbal tat-12 t' Ottubru, 2006.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi hu ovvju li l-ewwel u qabel kollox irid jigi trattat u deciz l-ahhar aggravju w cioe' li l-Avukat Generali qatt ma ta' l-kunsens tieghu ghall-korrezzjoni fic-citazzjoni li saret bid-digriet tas-27 ta' Frar, 2006 (Fol. 190), ghax jekk dan l-aggravju jigi milqugh jista' jkollu konsegwenzi dirimenti ghall-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti.**

**Fic-citazzjoni originali (Fol.1) kien jissemma li l-appellant ghamel uzu minn computer b' mod mhux dovut skond it-termini tal-artikoli 337 ( c ) u 337 (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll li ghamel uzu minn computer proprjeta' ta' Eric J. Fenech Pace. Illi l-Avukat Generali kien ta l-kunsens tieghu biex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja. (fol.4) u l-appellant, fl-ezami tieghu, kien iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja (fol. 7). Il-Prosekuzzjoni ressqet il-provi kollha taghha fuq firxa ta' madwar tmin xhur sakemm fis-seduta tas-17 t' Ottubru, 2005, iddikjarat li ma kellhiex provi ohra xi tressaq (Fol. 169). Fis-seduta sussegwenti tad-9 ta' Novembru, 2005, id-difiza, wara li ddikjarat li l-imputat ma kienx ser jaghti x-xhieda**

**tieghu, ressqet bhala xhud - prezumibillment in difeza - lil Romina Camilleri (Fols. 174 sa 188). Fis-seduta sussegwenti d-difiza ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-27 ta’ Frar, 2006. (Fol. 189). F’ din l-udjenza gie verbalizzat hekk “inter alia” :-**

**“”Il-partijiet ittrattaw il-kawza.”**
**“Il-Prosekuzzjoni titlob (li) wara l-kliem “Proprjeta’ ta’ Eric J. Fenech Pace” jithlu l-kliem “ghan-nom tas-socjeta’ Collis Williams Ltd”. (Sic!)**
**“Id-difiza topponi.”**
**“Il-Qorti tilqa’ t-talba u tordna l-korrezzjoni mitluba.”**
**“Sar re-ezami tal-imputat.” (Sic!)**
**“L-imputat jitlob li jigi notifikat mill-gdid bic-citazzjoni.”**
**“Il-Qorti tilqa’ t-talba u tordna n-notifika mill-gdid tac-citazzjoni kif korretta.”**
**“Kawza differita ghal dan l-iskop ghall-21 ta’ april, 2006 fil-11.30 am.” (Sic!)**

**Mic-citazzjoni il-gdida kif korretta (Fol. 194) jidher li mhux biss iddahhal il-kliem “*F’isem s-socjeta’ Collis Williams”* (li mhux il-kliem preciz kif awtorizzat mill-Qorti) izda ukoll inbidlu l-artikoli citati mill-Prosekuzzjoni minn *“337 ( c ) u 337 (f)”* ghall-artikoli *“337C u 337F.***

**Fit-13 ta’ Marzu, 2006, l-appellant kien ipprezenta rikors fejn talab li l-Ewwel Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tas-27 ta’ Frar, 2006 u tichad it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex issir korrezzjoni fic-citazzjoni w dan wara li ppremetta li d-drittijiet tieghu kienu ser jigu lezi peress illi hu kien qed jipprepara ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, liema akkuzi gew mibdula u kienu ser jizdiedu artikoli li kienu ser jaghmlu izjed gravi r-reat. (Fol. 196)**

**Fil-21 ta’ April, 2006 gie verbalizzat li l-Ufficjal Prosekutur esebixxa c-citazzjoni kif korretta u billi l-Qorti kienet ghadha ma ddegretatx ir-rikors tat-13 ta’**

**Marzu, 2006, il-kawza giet differita ghad-19 ta' Mejju, 2006. (fol. 193).**

**Fit-3 t' April, 2006, il-Kummissarju tal-Pulizija irrisponda ghar-rikors fuq imsemmi billi qal u spjega li in-numri tal-artikoli citati kienu ovvjament gew citati bi zball u li, f' kull kaz, wiehed ma setax jitkellem dwar il-piena jekk hux aktar jew inqas ghax dawn l-artikoli ma jgorru ebda piena w l-prosekuzzjoni talbet il-korrezzjoni sabiex il-proceduri ikunu aktar cari, ghalkemm ma kien hemm ebda dubju dwar liema reati kien akkuzat bihom l-imputat peress illi, barra l-artikoli citati, kien hemm ukoll l-indikazzjoni tar-reat. Ghalhekk sostna l-digriet moghti ma jimbidilx.**

**Fid-19 ta' Mejju, 2006, l-Ewwel Qorti, wara li semghet il-partijiet, iddegretat li f' dan il-kaz bil-bidla tal-artikoli ma zdied xejn fl-att tal-akkuza (Sic!) li jkun jista jaghmel ir-reat izjed gravi u li dan mhux il-kaz ghaliex fic-citazzjoni, ghalkemm l-artikoli indikati huma skorretti, dawn huma biss indikazzjoni ghall-Qorti w ma jbiddlux l-akkuzi li fil-kaz partikolari huma cari w ma hemmx dubju dwarhom a bazi tal-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali, cahdet it-talba tal-appellant ghar-revoka *contrario imperio* tad-digriet fejn ordnat il-korrezzjoni.**

**Il-kawza mbaghad giet differita ghall-informazzjoni ulterjuri tad-difiza ghall-31 ta' Mejju, 2006 (Fol. 201). F' din l-ahhar data gie verbalizzat li Dr. David Farrugia Sacco ghall-imputat informa lill-Qorti li m'ghandu xejn xi jzid mas-sottomissjonijiet li ghamel u awtorizza (Sic!) lill-Qorti biex il-kawza tmur ghas-sentenza. Wara differiment fejn ma sar xejn, il-kawza giet deciza fit-18 ta' Lulju, 2006.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-Qorti tosserva li din il-kwistjoni nqalghet minnhabba l-malprassi ormai komuni li biha l-Pulizija fil-komparixxi, fic-citazzjoni jew fil-prezentata ta' sikwiet tindika artikoli tal-ligi zbaljati w inezistenti**

**flimkien mall-fatti li jkunu jsemmu ir-reat li bih tkun qed takkuza. Dan in-nuqqas persistenti, dovut jew ghal traskuragni grassa jew addirittura ghall-inkompetenza ta' min jirredigi c-citazzjonijiet jew l-akkuzi, qed johloq komplikazzjonijiet bla bzonn fl-amministrazzjoni tal-gustizzja w minn dak li qed tosserva din il-Qorti din il-malprassi, kull ma jmur, qed tizdied.**

**Issa f' dan il-kaz hu ovvju li l-artikoli citati fic-citazzjoni originali jew m' ghandhomx x' jaqsmu xejn jew addirittutra ma jezistux. L-artikolu 337 ( c )** ***ut sic*** **ma jezistix . Jezisti biss art. 337 (2) ( c ) u 337 (4) ( c ) u dawn jittrattaw il-piena fir-reati ta' serq , li mhux reat li l-appellant qatt kien akkuzat bih. Umbaghad ma jezisti ebda Artikolu 337 (f).**

**Invece l-artikolu 337 C indikat fic-citazzjoni kif korretta u li gie citat fis-sentenza appellata bhala wiehed mill-artikoli li jkun jikkontempla r-reati, fih erba (4) subartikoli. L-ewwel subartikolu (1) umbaghad fih ghaxar sub incizi minn (a) sa (j) li kollha jikkontemplaw reati diversi u differenti li jistghu jigu kommessi bl-uzu mhux awtorizzat ta' computers. L-artikolu 337F umbaghad jippreskrivi l-pieni diversi applikabbli fid-diversi cirkostanzi u hu maqsum f'sitt subartikoli w proviso.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi jibda biex jigi osservat li fil-kaz ta' citazzjoni mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva, din tirrikjedi biss li jkun fiha <u>l-fatti</u> ta' l-akkuza (art. 360 (2) ) u dan bl-istess mod bhalma meta tinqara l-akkuza fil-qorti mill-prosekuzzjoni din l-akkuza jehtieg li jkun fiha <u>l-fatt</u> tar-reat (art. 374** ***(i)*** **(i) u art. 375 (** ***c*** **). Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b' mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, b' mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb. (ara App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia" **[13.1.1995]** ,"Il-Pulizija vs. Mario Agius" **[3.2.1995] u ohrajn). Ghalhekk strettament**

**il-Pulizija Ezekuttiva ma kellhiex ghalfejn toqghod ticcita artikoli tal-ligi fic-citazzjoni originali u fic-citazzjoni kif emendata, ghalkemm fil-kaz tal-ahhar jidher li dan setghet ghamlitu minnhabba li indunat bl-izbalji li kien hemm fl-indikazzjoni originali, w biex ma tkomplix tizvija lill-Qorti.**

**Anki il-fatt li umbaghad l-Ewwel Qorti meta ccitat l-artikoli korretti fis-sentenza appellata, ma ndikatx ukoll is-subartikoli li jirrigwardaw ir-reati partikolari dedotti kontra l-appellant ma jirrendix is-sentenza nulla ghax, kif gie ritenut fl-imsemmi appell kriminali ta’** Joseph Farrugia **appena citat, ghalkemm l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jghid li s-sentenza ghandha jkun fiha l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reat jew reati, din l-espressjoni dejjem giet interpretata fis-sens li jekk l-artikolu jew regolament ikun fih diversi subartikoli jew paragrafi, hu bizzejjed li jigi indikat l-artikolu jew ir-regolament minghajr il-htiega ta’ indikazzjoni tas-subartikolu jew tal-paragrafu. Ikun biss jekk jigi indikat il-paragrafu jew is-subartiklu w dan il-paragrafu jew subartikolu jkun jirriferi ghal reat differenti minn dak ipotizzabli skond il-fatti kif migjuba fl-imputazzjoni, li dan ikun irregolari ghax ikun jammonta daqs li kieku l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ma jkunx gie indikat. Dan pero’ ma garax f’ dan il-kaz.**

Zgombrat dan it-terren, din il-Qorti hija tal-fehma li trattandosi ta’ proceduri li kienu qed isiru bil-forma sommarja, l-korrezzjoni li giet mitluba u li giet akkordata mil-Ewwel Qorti ma kienx hemm bzonn li jinkiseb l-awtorizzazzjoni ghaliha jew il-kunsens tal-Avukat Generali. Dan ma johrog minn imkien mill-ligi w ladarba il-kawza tkun bdiet titmexxa bi proceduri sommarji, il-kawza titmexxa mill-Qorti u mill-Prosekuzzjoni minghajr il-htiega ta’ riferenza ulterjuri lill-Avukat Generali (art. 370 (3)(a)(b)(c)).

**Ikkonsidrat;**

**Illi umbaghad kif iddecidiet din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali** "Il-Pulizija vs.Noel Falzon" **[20.2.2006], meta cahdet appell ibbazat fuq l-aggravju li kienet giet awtorizzata korrezzjoni fid-data tal-kommissjoni tar-reat anki wara li kienu nstemghu il-provi tal-Prosekuzzjoni u wara li d-difiza kienet saret, kaz analogu kien gie deciz fil-kawza** "Il-Pulizija vs. Spiru Spiteri" **([18.3.1955] (per l-Imhallef William Harding, Vol. XXXIX.iv.986) fejn kien intqal testwalment hekk :-**

***"Lanqas hu l-kaz li jinghid li bil-korrezzjoni l-imputat seta' kien "deceived" jew "misled", jew b' xi mod pregudikat; ghax id-dettalji dwar ir-reat kontenuti fic-citazzjoni ma setghux ma jurux lill-imputat kontra liema fatt hu kellu jiddefendi ruhu…Fil-Prim' istanza, fejn il-korrezzjoni tac-citazzjoni tista' ssir, il-pregudizzju, ghall-finijiet ta' kwistjonijiet simili, ma ghandux jigi maghmul jikkonsisti filli l-imputat ma jkunx jista' japprofitta ruhu minn zball tal-prosekuzzjoni, imma filli genwinament , minnhabba dak l-izball, hu jkun gie b' xi mod imfixkel fil-mezzi tad-difiza."***

*"Lanqas ghandu jintesa li hawn si tratta, mhux ta' difett fis-sens li l-korrezzjoni kellha tikkonsisti f' kambjament tar-reat imputat, imma pjuttost ta' dik li tissejjah **"variance**" ghax appuntu **"variance**" hi deskritta fil-gurisprudenza Ingliza bhala "some difference between the allegation and the evidence, and not to a different offence" (ara Maruin vs Pridgeon, 1859,23 J.P.630). Gie anki deciz, fil-Qrati Inglizi, illi "where the date of the offence is incorrectly stated, the Court should amend the information or adjourn the hearing, not dismiss the case' (ara Exeter Corporation vs. Heaman (187742 J.P. 503")*

**Ikkonsidrat**

**Li f' dan il-kaz l-appellant kien jaf precizament kontra liema fatti hu kellu jiddefendi ruhu. Dan johrog car mill-kontroezamijiet serrati li saru lix-xhieda mill-abbli difensur. Nonostante l-istadju inoltrat tal-kawza,**

**galadarba kienet ghadha ma gietx differita ghas-sentenza, l-Ewwel Qorti setghet tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni, biex ikun jidher li fil-fatt Eric Fenech Pace kien in rapprezentanza tas-socjeta' Collis & Williams. L-Ewwel Qorti umbaghad kienet korrettement addirittura laqghet it-talba tad-difiza biex ic-citazzjoni terga tigi notifikata mill-gdid kif korretta w akkordat differiment ghal dan il-ghan. Ghalhekk din il-Qorti ma tirravviza ebda rregolarita' f' dar-rigward u dan l-aggravju taht kull aspett fuq esplorat qed jigi respint.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-aggravji l-ohra tal-appellant jirrigwardaw l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti fuq il-provi traskritti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94];** "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991];** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn).**

**"Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v.

Cooper” **([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***“assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.”*** **(Ara wkoll BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)**

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta’ htija dwar l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi f’ din il-kawza qed jigi allegat li l-appellant, waqt li kien impjegat mad-ditta Collis & Williams, uza l-computer tal-istess ditta biex baghat *e-mail* ghall-indirizz tal-*e-mail* tieghu personali kontenenti l-ismijiet u dettalja tal-klienti tal-istess ditta w dan meta hu l-appellant u missieru, li kienu joqghodu fl-istess indirizz tieghu, kienu ghadhom kif waqqfu socjeta’ kummercjali b’ negozju f’ attivita’ parrallella ghal dik tad-ditta in kwistjoni.**

**Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti l-provi kollha diretti kif ukoll dawk indiretti jew indizjarji jippuntaw kollha f’ direzzjoni wahda w cioe’ b’ mod inekwivoku favur it-tezi tal-prosekuzzjoni li kien l-appellant li fl-14 t’ Awwissu, 2003, meta kien wahdu fl-ufficcju tas-**

**showroom tas-socjeta' fil-Gzira, ghax l-impjegata l-ohra Romina Camilleri dak in-nhar kienet Ghawdex, b' abbuz baghat *e-mail* lill-*e-mail address* tieghu stess b' *attachment* kontenenti d-dettalji kollha tal-klienti tas-socjeta' li maghha kien impjegat. Jidher ukoll li l-movent tieghu kien li hu jkun jista' ghamel uzu minn din l-informazzjoni kunfidenzjali bil-ghan li jikkonkorri mall-attivita' tas-socjeta' li dak iz-zmien kienet timpjegah. Di fatti, sussegwentement, ghall-inqas f' okkazzjoni wahda, pprezenta ruhu ghand wiehed mill-klienti tad-ditta, certu Tonio Magro, biex jaghjmillu xi *adjustment* fuq l-*cash register* tieghu. Wara li lesta x-xoghol hu hareg ricevcuta fiskali taht l-intestatura ta' JG Systems Ltd., li kienet proprju il-kumpanija li certu Josvic Galea hu l-appellant kien ghadu kif waqqaf bi shab ma Anthony Galea, missier l-appellant, fit-18 ta' Gunju, 2003. Dawn it-tnejn minn-nies kienu joqghodu fl-indirizz "*Golden Thuya, Patrick Brydon Street, San Gwann"*, li hu proprju l-indirizz fejn joqghod l-appellant.**

Illi fost l-*objects* ewlenin ta' din il-kumpanija wiehed isib negozju identiku ghal dak pratikat mid-ditta Collis & Williams u cioe' l-importazzjoni, l-esportazzjoni, biegh u tqassim ta' **"<u>cash registers</u>, facsimile machines, scales, copiers, office equipment , printing machinery and all accessory printing equipment, adding and typrewriting machines, shredders, computers"** eccetera, kif ukoll **"to install and provide maintainance and service thereof including all necessary spare parts".**

Ikkonsidrat;

Illi s-sottomissjonijiet li saru mill-abbli difensur tal-appellant ma jiskossjawx il-konvinciment morali ta' din il-Qorti li kien l-appellant li baghat l-imsemmija *e-mail* lill-*e-mail address* tieghu w hadd aktar hlief hu, mhux biss ghax ovvjament hu biss kellu interess li jaghmel dan imma ghaliex fil-jum in kwistjoni, jum meta konvenjentement ghalih l-unika impjegata l-ohra f' dak l-istabbiliment kienet assenti w ghalhekk kien aktar liberu li jaghmel li jrid bla

ma jigi notat. Illi umbaghad irizulta mid-depozizzjoni mhux kontradetta ta’ Romina Camilleri li din l-impjegata ma kienetx prattika fl-operazzjoni tal-computer dak iz-zmien u ma kienetx fi grad li tibghat *e-mails* simili. Illi lanqas ma kien fl-interess ta’ xi ufficjal oghola tas-socjeta’ li jibghat *e-mail* simili lill-indirizz tal-appellant biex forsi jifframejah, kif donnu ried jinsinwa l-appellant fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija, ghax sakemm l-appellant iddecieda li jirrizenja habta w sabta mill-impieg tas-socjeta’, s-socjeta’ ma kellha ebda intenzjoni li tiddispensa mis-servizzi tieghu u kienet moqdija tajjeb minnu, tant li kienet sorpriza hafna bir-rizenja subitanea tieghu li kienet ser toholqilhom diffikultajiet fuq ix-xoghol taghhom.

Illi l-fatt li din l-*e-mail* ma setghetx tigi *retrieved* mill-computer personali tal-appellant fid-dar tieghu, apparti li mhux eskluz li setghet giet *deleted* u *overwritten*, ma jfissirx li hu ma setax jaccedi ghaliha per mezz ta’ computer iehor, anki f’ semplici internet cafe’. Kull ma jrid jaghmel dak li jkun hu li jaghti l-indirizz tieghu u jirceviha fejn u meta jrid. F’ kull kaz umbaghad ir-reat de quo jigi kompjut u kkunsmat appena w malli tintbaghat l-*e-mail* u mhux meta u jekk tigi ricevuta mill-*addressee*.

Illi l-fatt li ma giex esebit il-computer tas-socjeta’ biex isiru analisi teknika fuqu ma jiddetrahix mis-sahha u l-validita’ tal-prova tal-*hard copy* tal-istess *e-mail* (Dok. 8 a fols 54 sa 73 tal-process) li giet esebita u li fuq l-awtenticita’ taghha w cioe’ li ttiehdet u giet *printed* proprju mil-computer tas-socjeta’ hemm ix-xhieda mhux kontradetta ta’ Eric Fenech Pace, David Calleja Urry u Romina Camilleri.

Meta wiehed iqis ukoll kif wiegeb l-appellant fl-istqarrija tieghu lill-Ispettur Micallef (fols.12 u 13), xejn ma hu konvincenti. Di fatti jghid *“…din l-e-mail li qed nara li tikkontjeni diversi indirizzi kemm ta’ business premises kif ukoll ta’ djar privati <u>ma niftakarx</u> li qatt rajtha.*” u aktar ‘l isfel “*<u>Ma niftakarx</u> li baghat din fil-computer tieghi.”* u “*<u>Forsi nassumi li baghatha bi zball</u> ma e-mails personali izda xorta <u>ma niftakarx</u> li dan gara ghax <u>ma ghandhiex memorja</u> li din rajtha fil-computer tieghi.”* (sottolinear ta’

din il-Qorti). L-appellant xejn mhu kategoriku fic-cahda tieghu li din l-*e-mail* baghta hu u pprova jirrifugja ruhu wara l-memorja u li ma jiftakarx. Umbaghad ir-ragunijiet li adduca fl-istess stqarrija biex jipprova jghid li ma kellux interess li jibghata huma fjakki ghall-ahhar ghaliex kif jirrizulta altru milli kellu interess li jkollu ghad-dispozizzjoni tieghu *data base* kompluta tal-klienti tas-socjeta' meta hu kien diga jaf li huh u missieru kienu appena waqqfu socjeta' kummercjali ftit gimghat qabel biex tinnegozja f' linja identika ta' negozju ma dik tas-socjeta' li kienet timpjegah, socjeta' kummercjali li, kif urew il-fatti, beda jahdem ghaliha u johrog ricevuti f' isimha ghal xoghol identiku bhal dak li kienet qed taghmel is-socjeta' Collis & Williams.

Ghalhekk, wara li ezaminat bir-reqqa il-provi kollha, din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzamernt tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti u ghalhekk qed tirrespingi l-aggravji kollha tal-appellant fir-rigward tal-apprezzament ta' fatt.

Illi ghar-rigward tal-piena din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn ippronunzjat ruha li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.). F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi u zgur li ma hix wahda eccezziva meta wiehed jikkonsidra li l-massimu tal-piena pekunjarja skond l-art. 377F (1) hu dak ta' ghaxart elef lira Maltin (LM10,000.), jew ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn erba snin, jew addirittura il-piena tal-multa w prigunerija flimkien. Ghalhekk ma tara li hemm ebda lok ghal xi temperament fil-piena konsidrat il-gravita' tar-reat li kull ma jmur qed isir aktar komuni fis-socjeta' moderna w teknologika tal-lum.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------